Reġjun Għawdex

Laqgħa Nru 53/2015

**Minuti tat-tlieta u ħamsin laqgħa tal-Kumitat Reġjonali Għawdex li saret fis-Sala tal-Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria nhar it-Ħamis 8 ta' Ottubru 2015 fis-6.45 p.m.**

Il-Laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| *Kunsill Lokali* | *Rapreżentant* | *Parteċipazzjoni* | *Membru Sostitut* | *Parteċipazzjoni* |
|---|---|---|---|---|
| Fontana | Sur Saviour Borg | Preżenti | Sur Victor Cefai | - |
| Għajnsielem | Sur Franco Ciangura | Preżenti | Sur Kevin Cauchi | - |
| Għarb | Sur David Apap Agius | Preżenti | Srna Carmen Vella | - |
| Għasri | Dr Daniel Attard | Indispost | Sur Emanuel Mintoff | Indispost |
| Ta' Kercem | Sur Mario Azzopardi | Preżenti | Sur Paul Mizzi | - |
| Il-Munxar | Sra Carmena Said | Skużata | Sur Robert Mallia | Assenti |
| In-Nadur | Sur Edward Said | Indispost | Sur Eucharist Camilleri | Assenti |
| Il-Qala | Perit Clint Camilleri | Assenti | Sur Jesmond Borg | Preżenti |
| Rabat Citta' Victoria | Dr Samuel Azzopardi (President) | Preżenti | Sur Josef Schembri | - |
| San Lawrenz | Sur Noel Formosa (Viċi-President) | Skużat | Sur Anthony Formosa | Preżenti |
| Ta' Sannat | Sur Philip Vella | Preżenti | Sra Frances Galea | - |
| Ix-Xagħra | Sur Joseph Cordina | Indispost | Sur Aaron Agius | Assenti |
| Ix-Xewkija | Sur Paul Azzopardi | Preżenti | Sur Domenic Zerafa | - |
| Iż-Żebbuġ | Sur Nicky Saliba | Preżenti | Mr Daniel Cordina | - |
| Segretarju Eżekuttiv | Sur George Refalo | Preżenti | - | - |

**Qari, konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti**

Intqalgħet it-talba tal-bidu. Inqraw il-minuti tal-52 Laqgħa u ġew approvati unanimanent.

**Qbil dwar *Standard Order* li tirregola l-Laqgħat tar-Reġjun Għawdex**

Il-President Dr Samuel Azzopardi fetaħ il-laqgħa billi skuża ruħu talli wasal tard għal-Laqgħa tar-Reġjun minħabba li l-vapur tal-*Gozo Channel* kien mimli u konsegwenza ta' hekk tħalla l-art. Għaldaqstant, ġie suġġerit mill-membri preżenti sabiex tiġi stabbilita *Standing Order* bil-għan li tirregolarizza it-tmexxija tal-Laqgħat tar-Reġjun kull meta jiġri l-każ li wara li tkun ġiet stabbilita Laqgħa plenarja u jkun hemm *Quorum* ta' membri preżenti, kemm il-President kif ukoll il-Viċi-President ikunu assenti għall-istess Laqgħa mingħajr pre-avviż. Wara diskussjoni interessanti, il-membri qabblu li meta jiġri l-każ bħal tal-lum fejn għal-Laqgħa plenarja stabbilita mir-Reġjun, kemm il-President kif ukoll il-Viċi-President ikunu assenti mingħajr pre-avviż, kemm-il darba jkun hemm *quorum* ta' membri preżenti, il-Laqgħa tkun tista' tinżamm xorta waħda u jkun jista' jmexxiha dik il-persuna preżenti għal-Laqgħa tar-Reġjun li l-aktar tkun ilha sservi bħala membru effettiv tar-Reġjun Għawdex.

Wara li kien hemm qbil mill-membri kollha preżenti, il-laqgħa tkompliet skont l-Aġenda maqbula.

**Punti imqajjma mill-Minuti**

Il-President Dr Samuel Azzopardi, stieden lill-membri preżenti sabiex iqajjmu xi punti mill-Minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu għadhom kif inqraw sabiex tkompli d-diskussjoni dwarhom. Peress li mill-Aġenda kien deher li l-preokkupazzjonijiet li l-membri għandhom u li ħafna mill-punti li kienu ġew diskussi fil-laqgħa preċedenti kienu ser jerġgħu jiġu diskussi f'aktar dettall matul din il-laqgħa tant li l-laqgħa setgħet titkompla skont l-Aġenda, is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li l-uniku informazzjoni ġdida li kien hemm kienet biss dik li tirrigwardja l-laqgħa li kellha ssir fuq talba li r-Reġjun Għawdex kien għamel lill-Kummissarju tal-Artijiet rigward il-possibiltà li jinstabu *premises* adegwati li jistgħu iservu ta' Uffiċċju tar-Reġjun, fejn infurmahom li l-laqgħa li kienet ser issir apposta mal-Kummissarju tal-Artijiet nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru 2015 kienet ġiet kanċellata u li r-Reġjun kien ġie infurmat li laqgħa oħra hi mistennija li ssir fil-5 ta' Novembru 2015 ġewwa l-uffiċċju tagħhom li jinsab ġewwa l-bini tal-Ministeru għal Għawdex, fi Pjazza San Franġisk.

**Ir-riforma fis-Sistema tal-Infurzar Lokali**

Il-President Dr Samuel Azzopardi stieden lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jaqra l-ittra datata 30 ta' Settembru 2015 u mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex tinforma lill-Presidenti u lir-Reġjuni dwar it-tibdiliet li kienu saru dwar ċertu regolamenti li daħħlu fis-seħħ issa li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kumitati Reġjonali, it-Twaqqif tal-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali u t-Tribunal Lokali u t-tħaddim tagħhom.

Wara diskussjoni interesanti fejn issemmew fost affarijiet oħra l-preokkupazzjonijiet imqajjma min-numru ta' membri u li jidher li ser jiġu indirizzati mill-Aġenzija li ġiet imwaqqfa apposta, il-President ikkonferma li rigward id-dejn li r-Reġjun għandu akkumulat sal-aħħar ta' Settembru 2015, ser ikollu jitħallas mir-Reġjun xorta waħda allavolja ma hemmx flus biżżejjed. Għalhekk, il-President wiegħed li ser jagħmel dak kollu possibbli fil-kapaċità tiegħu ta' President sabiex meta jibdew id-diskussjonijiet mal-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali, tinstab soluzzjoni kif din il-problema ta' dejn akkumulat li għandu r-Reġjun tiġi sorvolata darba għal dejjem.

Numru ta' membri infurmaw lir-Reġjun li kienu irċevew il-*commision* minn fuq il-kontravenzjonijiet mogħtija li kienet dovuta' lilhom rispettivament mill-Kumitat Konġunt li kien ser jintemm. Għalhekk, huma saqsew ukoll dwar il-*commision* li r-Reġjun għandu jagħti lill-Kunsilli Lokali Għawdxin u li qatt ma ingħatat, kif ukoll dwar is-somma ta' flus inizzjali li l-Kunsilli Lokali Għawdxin kienu appruvaw li tingħata lill-Kumitat konġunt

sabiex ikun jista' jopera r-Reġjun Għawdex kif ukoll dwar ir-rifużjoni ta' LM500 li kull Kunsill Lokali kien sellef lill-Kumitat Konġunt u li kellhom jiġu mgħotija lura mill-istess Kumitat Konġunt.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li hu għadu qiegħed jaħdem fuq l-invoices antiki sabiex meta jiġu konfermati mill-Kunsilli Lokali rispettivi, tingħata l-*commision* ta' 10% tal-kontravenzjonijiet imħallsa fil-Kunsilli Lokali Għawdxin u li qatt ma tħallset. Is-Segretarju nforma lill-membri ukoll li rigward ir-rifużjoni tal-LM500 li huma kienu sellfu lill-Kumitat Konġunt, dawn kienu tħallsu u li kien dispost jikkuntattja lis-Sur David Soler sabiex jgħaddilu l-informazzjoni rispettiva ta' kull ċekk li kull Kunsill Lokali kien ingħata sabiex dan l-ammont kien rifuż. Is-Segretarju Eżekuttiv informa ukoll lill-membri preżenti li s-Sur David Soler kien għaddhielu *breakdown* tal-ammonti inizzjali li kull Kunsill Lokali Għawdxi kien sellef lill-Kumitat Konġunt sabiex ikun jista' jibda jopera r-Reġjun u li r-Reġjun kien ser jgħaddi lil kull Kunsill Lokali rispettiv fil-ġranet li ġejjin peress li l-Kumitat Konġunt kien ser jiġi xolt. Il-membri, fil-waqt li apprezzaw dak ix-xogħal relatat li kien qiegħed jagħmel is-Segratarju sabiex tingħata din ir-rifużjoni mill-aktar fis possibbli, ipproponew li ġaladarba huma kienu sellfu l-flus lill-Kumitat Konġunt u mhux lir-Reġjun allavolja l-istess flus kienu mogħtija sabiex eventwalment jiġu mgħoddija lir-Reġjun, ir-Reġjun għandu jgħaddi l-flus lill-Kumitat Konġunt qabel ma jxolji sabiex imbagħad ikun l-istess Kumitat Konġunt li jagħti r-rifużjoni dovuta lill-Kunsilli Lokali Għawdxin.

Għalhekk, il-Kumitat Reġjonali Għawdex talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma b'din d-deċiżżjoni lis-Sur David Soler sabiex ir-rifużjoni dovuta mill-Kumitat Konġunt issir kif prospost.

**<u>It-tħaddim tat-Tribunal Lokali</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-membri li wara li r-Reġjuni ingħataw istruzzjonijiet kif ser jibdew jitħaddmu t-Tribunali Lokali kif ukoll kif kienu ser jitħallsu jew jiġu rifużi kull pagament relatat mat-tħaddim tagħhom, informa lill-membri li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ta' ordni sabiex ir-Reġistratur tat-Tribunal Reġjonali ta' Għawdex, li minħabba t-terminazzjoni tal-kuntratt tal-Kumpanija TOAD Managment Services Ltd. kienet ġiet bla impieg, sabiex din tiġi eventwalment ingaġġatha mar-Reġjun kif suppost kellu jiġri fl-2011 meta d-Dipartiment rispettiv kien ta' ordni lir-Reġjuni sabiex jagħmlu dan permezz ta' Ċirkulari maħruġa apposta.

Wara diskussjoni pjuttost twila fejn ġie spjegat kif l-ispejjeż relatati mat-tħaddim tat-Tribunal Lokali kienu ser jiġu rifużi, is-Segretarju fakkar lill-membri dwar il-kirja ta' *garage/store* li r-Reġjun ser jibda jkollu jħallas ta' kull xahar minħabba li d-dokumenti tat-Tribunal kienu storjati ġewwa fih, kif ukoll dwar il-proposta verbali li s-Sur Soler kien għamel dwar l-*equipment* li jopera bih it-Tribunal u li kien proprjetà tiegħu ukoll u kif dan kien lest li jċedieh lir-Reġjun għall-somma li trid tkun diskussa bejn il-partijiet kemm-il darba r-Reġjun hu interessat.

Għalhekk, il-membri iddeċidew li qabel ma jidħlu f'kirja ta' xi *garage/store*, ir-Reġjun għandu l-ewwel jara l-kuntratt li s-Sur Soler kien għamel ma' sid il-garage li jinsab fix-Xagħra Għawdex ċertu Anthony Borg Caruana, sabiex ikun f'pożozzjoni aktar ċara li jiddeċiedi aħjar il-futur ta' din il-kirja, kif ukoll sabiex jitqabbad l-*IT Officer* li r-Reġjun normalment jinqeda bih kull meta ikun hemm xi ħsara fl-*equipment* tar-Reġjun sabiex jagħmel l-ispezzjonijiet meħtieġa fuq l-*equipment* li hemm it-Tribunal u jagħti l-opinjoni tiegħu sabiex ir-Reġjun ikun f'pożizzjoni aktar ċara sabiex jevalwa il-proposta imressqa mis-Sur Soler.

**<u>Talba għat-trasferiment tas-*Surveillance Cameras* installati mill-Kunsill Lokali Għarb lir-Reġjun</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li kif kien ġie mitlub fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill Lokali Għarb kien bagħat korrispondenza fejn kien qiegħed jitlob sabiex it-tħaddim tas-*Surveillance Cameras* li l-istess Kunsil Lokali kien installa fil-Lokalità tal-Għarb jiġu trasferiti u eventwalment ingaġġati fis-sistema tal-Infurzar Lokali sabiex dawn ma jibqgħux jinħarrġu biss avviz imma jibdew jinħarrġu ċitazzjonijiet u li jkun ifisser aktar introjtu għar-Reġjun Għawdex.

Wara diskussjoni interessanti fuq din il-proposta, fejn ġie irrimarkat il-fatt li issa d-deċiżjoni finali trid tittieħed mill-Aġenzija l-ġdida tal-Infurzar Lokali, il-Kumitat Reġjonali Għawdex ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba u stieden lill-Kunsill Lokali Lokali Għarb sabiex formalment iressaq it-talba tiegħu lill-Aġenzija

għas-Sistema tal-Infurzar Lokali filwaqt li jinfurmaha li r-Reġjun ma sab l-ebda oġġezzjoni għall-proposta imressqa mill-Kunsill Lokali Għarb.

**Ħruġ ta' *Quotation* għas-servizz ta' *Accountant* tar-Reġjun Għawdex.**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li meta' ġie sabiex jippubblika l-*Quotation* għas-servizz ta' *Accountant* mar-Reġjun kif approvat mill-Kumitat Reġjonali Għawdex fil-laqgħat preċedenti, ġie infurmat minn Reġjuni oħra f'Malta li huma kellhom struzzjonijiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li ma jsibx oġġezzjoni jekk Offerti għal dan is-servizz ma jinħarrġux għalissa u li pjuttost qed jiffavorixxi l-idea sabiex l-offerti preċedenti jerġgħu jiġġeddu għal perijodi ta' sitt (6) xhur sakemm jiġi maqbul x'xogħol tar-Reġjuni ser jibda jkollu l-*Accountant* bl-introduzzjoni tal-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali.

Għalhekk, wara diskussjoni twila, ġie deċiż li l-*Accountant* tar-Reġjun li sallum kien għadu qiegħed jagħmel ix-xogħol tar-Reġjun allavolja l-kuntratt kien skadut u li kien ingħata estensjoni sabiex titkompla l-ħidma tar-Reġjun, jerġa, jingħata estensjoni tal-kuntratt għall-sitt (6) xhur oħra bit-tama li sat-tmiem tal-estensjoni, din il-problema tiġi sorvolata mir-Reġjuni kollha li għandhom sitwazzjoni simili għal dik ta' Għawdex.

**Ħatra tas-Sotto-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Jum Għawdex 2015**

Il-President Dr Samuel Azzopardi fakkar li bħalma ġara fis-snin preċedenti, għandu jinħatar Sotto-Kumitat kompost min-numru ta' membri tar-Reġjun sabiex jikkoordina u jfassal program ta' attivitajiet li ser jittellgħu apposta sabiex jikkomemoraw Jum Għawdex 2015. Fil-waqt li fakkar li dan qiegħed isir tard proprju minħabba l-fatt li l-Laqgħa preċedenti kellha tintemm ħesrem, talab lill-membri sabiex jinnominaw membri għal dan il-Kumitat.

Il-membri maħtura sabiex iservu f'dan is-Sotto-Kumitat flimkien mal-President u s-Segretarju Eżekuttiv huma s-Sur Noel Formosa u s-Sur Franco Ciangura.

**Jum Għawdex 2015**

Il-President Dr Samuel Azzopardi informa lir-Reġjun li minħabba x-xogħolijiet li jinsabu għaddejjin kemm fi Pjazza Indipendenza – It-Tokk kif ukoll fil-madwar taċ-Cittadella ta' Għawdex, ikun aktar għaqli jekk l-attivitajiet ta' barra jkunu evitati kemm jista' jkun iżda mhux possibilment għal kollox minħabba li l-monument ta' l-Arċipriet Saver Cassar jinsab fi Pjazza Indipendenza – It-Tokk. Għalhekk, il-President semma ukoll kif ir-Reġjun kien irċieva stedina mill-Istitut Kulturali Taljan f'Malta dwar proposta ta' kunċert fuq il-pjanu flimkien ma' Sopran, it-tnejn mill-Italja, li ser ikunu f'Malta lejn l-aħħar ta' Ottubru sabiex is-Sotto-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Jum Għawdex ikun jista' jikkunsidraha bħala parti mill-program ta' din is-sena.

Il-membri fil-waqt li laqgħu din l-istedina offruta fakkru lill-membri tas-Sotto-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Jum Għawdex sabiex jaċċetta proposti bħal dawn sakemm l-infiq ikun wieħed prudenti u aċċettabbli għas-sitwazzjoni finanzjarja prekarja li għandu r-Reġjun.

Wara diskussjoni fuq l-attivitajiet b'konnessjoni ma' Jum Għawdex, il-membri preżenti irrakkomandaw ukoll sabiex il-Quddiesa li ta' kull sena tinżamm fil-Katidral ta' Għawdex, għal din is-sena biss għandha ssir eċċezzjoni u l-quddiesa għandha tinżamm ġewwa l-Knisja ta' San Ġakbu għalkemm xorta għandu jkun mistieden l-Isqof ta' Għawdex sabiex jippresiedi din il-konċelebrazzjoni flimkien mal-Kapitlu tal-Katidral ta' Għawdex kif jiġri ta' kull sena.

**Proposti mill-Aġenzija Pubblika MIEMA għall-proġetti ko-finanzjati mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea**

Il-President Dr Samuel Azzopardi informa lill-membri preżenti li r-Reġjun kien irċieva proposta mingħand Aġenzija Pubblika Maltija li topera fis-settur tal-enerġija rinovabbli u ambjent sostenibbli sabiex bi sħab mar-Reġjun jitwettqu numru ta' proġetti ta' fejda fil-qasam tat-Turiżmu kif ukoll fil-produzzjoni tal-energija

rinovabbli ġewwa Għawdex. Il-President għalhekk stieden lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Ġorġ Refalo sabiex jinforma lir-Reġjun dwar din il-proposta u xi żviluppi kien hemm mil-laqgħat li saru s'issa ma' din il-Kumpanija.

Wara diskussjoni interessanti ħafna fejn ġie spjegat kif l-Aġenzija *Malta Intelligent Energy Management Agency* (MIEMA) diġa tinsab f'kuntatti ma' Kumpaniji Norveġiżi li ilhom snin joperaw fuq il-produzzjoni ta' enerġija rinovabbli u li l-iskop finali hu li jsir studju sabiex mir-riżultati ta' dan l-istudju wieħed ikun jista' jidentifika liema huma l-aħjar proġetti li għandhom jitwettqu sabiex eventwalment Għawdex ikun self-sostenibbli fil-produzzjoni tal-enerġija li tintuża ta' kuljum ġewwa Għawdex, kif ukoll dwar proposta ta' studji oħra li jittrattaw it-Turiżmu Sostenibbli u l-Iżvilupp Ambjentali Sostenibbli. Wara l-ispjega mis-Segretarju Eżekuttiv, il-President talab lir-Reġjun sabiex jiddeċiedi jekk dawn l-istudji preliminari ġewwa Għawdex għandhomx isiru jew le kif ukoll sabiex jikkonċedu jew mod ieħor lir-Reġjun sabiex jibda diskussjonijiet ma' din il-kumpanija dwar il-futur tal-produzzjoni rinovabbli u Turiżmu u Ambjent Sostenibbli ġewwa Għawdex filwaqt li jikkonsidra xi proposti din l-istess Aġenzija jista' jkollha għall-proġetti oħra simili.

Il-membri kollha qabblu unanimament li dawn il-proġetti ta' studju ġewwa Għawdex flimikien ma' oħrjan għandhom isiru, kif ukoll irrakkomandaw sabiex proġetti oħra f'dan il-qasam tal-enerġija u t-Turiżmu b'mod speċjali għandhom jiġu inkoraġġiti li jsiru sakemm jirriżulta li hu fl-aħjar interess tal-ekonomija u l-poplu Għawdxi kif ukoll tal-pajjiż in ġenerali.

B'konnessjoni ma' proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea, is-Sur Philip Vella irrakkomanda sabiex ir-Reġjun jitlob laqgħa mal-Bord tal-*Gozo Action Group* sabiex il-Kunsilli jkunu jistgħu jressqu l-proposti tagħhom dwar skemi li dan il-Grupp joffri minn żmien għal żmien, kif ukoll sabiex il-Kunsilli Lokali jkunu diġa jafu x'tip ta' skemi hemm ippjanati li jiġu offruti fil-futur qarib minn dan il-Grupp sabiex mil-lum ikunu jistgħu jibdew jaħdmu biex kemm jista' jkun jibbenifikaw mill-aktar numru possibbli ta' Kunsilli Lokali fl-iskemi offruti minn dan il-Grupp.

Minħabba li kien hemm qbil dwar din il-proposta, is-Segretarju Eżekuttiv ġie mistieden jikteb lill-*Gozo Acton Group* sabiex din il-laqgħa preliminari tintalab mill-aktar fis possibbli.

<u>**Korrispondenza**</u>

Stedina mill-Uffiċċju tal-*Europe Direct* lill-Kunsilli Lokali Għawdxin kollha fejn ġew mistiedna jipparteċipaw fi proġett tagħhom ta' tħawwil ta' siġar fuq l-Għolja ta' Għammar li ser iservi ta' Ġnien Bibliku, fejn qed jintalbu jisponsorjaw siġra jew aktar. L-attività fejn kull Sindku jħawwel siġra li l-Kunsill Lokali tiegħu jkun sponsorja ser issir nhar il-Ħamis, 5 ta' Novembru, 2015 - Il-membri filwaqt li urew l-entużjażmu li bħala Reġjun ikun jixraq saħansitra li jiġi sponsorjat ġnien kollu u mhux siġra waħda biss, saqsew jekk ir-Reġjun jistax, bħall-Kunsilli Lokali, jisponsorja affarijiet bħal dawn. Għalhekk, minħabba li s-Segretarju kien jinħtieġlu li jieħu *ruling* mid-Dipartiment dwar din il-materja, ir-Reġjun kien tal-fehma li għal din id-darba ir-Reġjun ma jisponsorjax siġar u ma jipparteċipax f'din l-attività.

Stedina mingħand is-Sinjura Sylvana Mifsud, Gozo Project Consultant, OPM, għal-laqgħa ta' konsultazzjoni sabiex titnaqqas il-Burokrazija u simplifikazzjoni ta' proċeduri eżistenti – Il-Ġimgħa 9 ta' Ottubru, 2015 fl-Exhibition Hall tal-Ministeru għal Għawdex - Ir-Reġjun innota l-kontenut u stieden lis-Segretarju sabiex jattendi f'isem ir-Reġjun

Laqgħa ta' Konsultazzjoni organizzata mill-MEUSAC flimkien mal-MEPA dwar ir-riġenerazzjoni taċ-Ċentri Urbani li ser tinżamm nhar it-Tnejn, 12 ta' Ottubru, 2015, ġewwa Dar l-Ewropa, 254, Triq San Pawl, il-Belt Valletta - Ir-Reġjun innota l-kontenut

Laqgħa plenarja statutorja għall-Kunsilliera ta' Malta u Għawdex li ser tinżamm nhar is-Sibt, 17 ta' Ottubru, 2015, fil-Lukanda The Palace, tas-Sliema, Malta - Ir-Reġjun innota l-kontenut

**Approvazzjoni tal-Pagamenti**

Il-President Dr Samuel Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti spjega tal-pagamenti li kienu qegħdin jiġi preżentati lir-Reġjun għall-approvazzjoni.

Wara l-ispjega sodisfaċenti li ngħatat mis-Segretarju Eżekuttiv fejn ġie imfisser kull ħlas rispettiv, ir-Reġjun approva l-iskeda tal-pagamaneti nru 37 li tammonta għal €15,747.94ċ kif annessa mal-minuti.

**Materji Oħra**

Minħabba l-fatt li ma kienx hemm materji oħra fuq l-Aġenda, il-laqgħa ntemmet fis-8.30 p.m. u ġiet aġġornata *sine die*.

Dr. Samuel Azzopardi
President

George Refalo
Segretarju Eżekuttiv